MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 368/2008/1

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Mansour Mohammed Naceur**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta’ Gunju, 2010, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza in parte fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, mija u tlieta u hamsin Ewro u tmien centezmi (€10.153.08) bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Accounts’ tal-konvenut mal-Bank of Valletta p.l.c.

(Dok A1 sa A2, B1 sa B3) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-25 t’Ottubru 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lill-konvenut permezz ta’ skrittura privata datata fl-24 t’April 1998 (Dok C) u *Card Application Form* (Dok D).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq l-*Card Application Form* hawn fuq indikati u cioe’ Dok C u D partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Mansour Mohammed Naceur (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulata fl-imsemmi skrittura u *Card Application Form*, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura u *Card Application Form* soprandikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fl-20 ta’ Mejju 2008 (Dok E) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li gie pprezentat mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 18.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 27 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Fl-ewwel lok it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156(d), 2156(e) u 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu l-konvenut m’ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-mertu is-socjeta’ attrici

ghandha tipprova kif waslet ghall-ammont mitlub minnha f'din il-kawza.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel (1) eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar, l-eccezzjoni preliminari in esami, li tirreferi ghall-preskrizzjoni ta' hames (5) snin fil-kazijiet specifikati fl-artikolu 2156(d)(e)(f), il-konvenut spjega, in sostenn tal-istess eccezzjoni (ara l-affidavit sottomess minnu a fol 34 u l-kontro esami relattiva fol 65 et seq ibid) illi effettivament hu kien iffirma 'karta' (presumilment skrittura privata a fol 7 ibid) flimkien mal-Bank attur u li permezz taghha kien inghata self minghand l-istess Bank. Matul iz-zmien, hu kien jhallas lura l-ammont misluf regolarment skond l-istess ftehim. Pero fl-2006, hu kien issepara legalment minn martu, Victoria gja Sammut u 'qabel' din is-separazzjoni l-istess martu kienet informatu illi hi '… kienet hallset kollox fuq (dan) is-self' . L-istess martu kienet mietet matul il-2007. Hu kompla billi qal '.. qatt ma kont ircevejt xejn minghand il-bank dwar din il-kwistjoni u, skond hu, dwar l-ammont in esami izda, skond hu, mhallas kollu, kien sar jaf dwar l-istess kwistjoni meta kien gie informat b'mandat ta' sekwestru kawtolatorju fl-ahhar tas-sena' 2008. Hu kompla billi sottolinea illi qatt ma kien irceva xi ittra ufficjali dwar l-ammont in esami. In kontro esami, hu kkorrega ruhhu billi qal li l-ammont in esami kien jirreferi, filfatt, ghall-hrug favur tieghu ta' karta ta' kreditu, konsistenti f'tnejn (2) minn dawn il-karti ('cards') sakemm dawn kienu twaqqfu mill-istess bank. Dwar il-pagamenti lura, aktarx b'rata ta' Lm100 fix-xahar, kienet tiehu

hsieb l-istess martu u hu lanqas ma kien jara l-'statements' mibghuta mill-Bank, dwar il-bilanci. Inoltre, hu ma setax jiftakar meta kien mar ghand l-istess Bank sabiex jiddiskuti l-kaz tieghu u lanqas ftakar illi kien qal lill-'manager' tal-fergha involuta illi '… l-flus ser jithallsu mit-tfal'. Dwar dan il-punt hu tenna li 'ma nahsibx li ghidt dan il-kliem lill-Manager …'.

Illi, dwar l-istess eccezzjoni, il-Bank ipproduca zewg 'affidavits' b'dokumenti (fol 36 sa fol 60 ibid) maghmula minn Christopher Abela Medici stazzjonat fid-dipartiment tal-'cards' tal-Bank attur u Jane Mifsud deskritta bhala 'Senior Relationship Manager' mal-istess Bank. Minn din ix-xhieda, moghtija dettaljatament u bi precisjoni mill-istess zewg persuni, jirrisulta illi fit-13 ta' Gunju 2000, il-konvenut, wara n-notifika lilu ta' ittra ufficjali, kien mar ghand l-ewwel xhud, li, dak iz-zmien, kien stazzjonat fil-fergha tal-Hamrun u l-istess konvenut kien obbliga ruhu li jhallas Lm40 kull hmistax il-jum sabiex jaqta' u jhallas id-dejn involut. Izda wara li saru xi pagamenti li waqfu, fit-13 ta' Marzu, 2003, il-konvenut kien reggha mar fl-istess fergha u f'din l-okkazzjoni kien talab sabiex jinghata l-informazzjoni kollha dwar il-bilanc dovut minnu u nformah li bintu kellha kont mal-istess Bank u kien ser 'jipperswadiha' sabiex din thallas dak dovut minnu. Izda minn dan kollu ma kien avvera ruhu xejn minnu. Sussegwentement kienet giet presentata ittra ufficjali fl-20 ta' Mejju 2008 (ara fol 11 u fol 55 ibid) li giet notifikata lill-konvenut bil-procedura specifikata fl-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara fol 57 u fol 59 ibid) hlief ghal pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Inoltre in rigward ittra ufficjali precedenti, presentata fit-3 ta' Mejju 2008 a bazi tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jidher li dan l-att gudizzjarju ma kienx gie notifikat.

Ikkunsidrat

> Illi in rigward l-eccezzjoni in esami bazata fuq l-artikolu citat, jigi premess illi meta hemm involuta l-eccezzjoni in esami, din ghandha tigi applikata, f'kaz bhal dak in esami, favur il-kreditu in vista li trattasi ta' telfien ta' dritt ta' kreditu f'kaz li tigi akkolta. In rigward dan il-kaz, specifiku wiehed jinnota illi l-provi prodotti mis-socjeta' attrici kienu precizi u dettaljati u sostnuti permezz ta' dokumenti waqt li dak li xehed il-konvenut kien pjuttost impreciz, aktarx influwenzat minn amnesija fuq diversi punti importanti da parti tieghu.
>
> A bazi ta' dan kollu, specjalment dak li xehdu Christopher Abela Medici u Jane Mifsud kif ukoll id-dokumenti kollha in esami, din il-Qorti tghid li fuq bazi ta' probabilta ('aktarx iva milli le'), il-perjodu ta' preskrizzjoni in esami ma kienx ghadu skada meta inbdew il-proceduri kontra l-konvenut u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.
>
> Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari in esami u tordna li dan il-kaz jitkompla fuq il-meritu."

Ottenuta l-awtorizzazzjoni ta' l-ewwel Qorti b'digriet tad-9 ta' Gunju, 2010, il-konvenut appella minn din is-sentenza preliminari li cahditilu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali opposta a norma ta' l-Artikolu 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili. Kombinati flimkien, biz-zewg aggravji minnu sottoposti l-konvenut jikkontesta lill-ewwel Qorti sew il-valutazzjoni taghha tal-provi kif ukoll il-konsiderazzjoni minnha maghmula ta' l-ipotesi tad-dritt applikabbli ghall-fattispeci;

Huwa sew konkordi f'materja ta' preskrizzjoni illi l-principji-gwida huma bejn wiehed u iehor is-segwenti:-

1. In linea generali, il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa' billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-

preskrizzjoni eccepita mhix ammissibbli jew illi kien hemm is-sospensjoni jew l-interruzzjoni taghha jew ir-rinunzja. Ara “**Hilda Bartolo *et* -vs- Giuseppina Zammit *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 13 ta’ Jannar, 1953;

2. L-interruzzjoni u r-rinunzja mhux l-istess haga, anke jekk sew l-interruzzjoni u sew ir-rinunzja, iridu jirizultaw b’mod car u inekwivokabbli. Skond il-gurisprudenza, l-operattivita` taghhom hi f’dan is-sens. Salv fil-kaz ta’ att gudizzarju, ir-rikonoxximent ta’ debitu jinterrompi l-preskrizzjoni li tkun ghadha in korso, izda jekk il-preskrizzjoni tkun gja kompjuta hi ipotizzata qaghda ta’ rinunzja u mhux ta’ interruzzjoni. Ara “**Joseph Bajada -vs- Alfred Naudi**”, Qorti tal-Kummerc, 12 ta’ Jannar 1950 u “**Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe Brincat *et***”, Appell Civili, 9 ta’ Dicembru 1994;

3. Fil-kaz tar-rikorrenza tal-wahda jew ta’ l-ohra l-indagini timplika apprezzament ta’ fatti. M’ghandniex xi nghidu, il-kreditur-attur li jivvanta l-interruzzjoni jew ir-rinunzja jrid juri mhux biss li jezisti fatt inkompatibbli mal-volonta li wiehed javvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda, ukoll, li dan il-fatt jimmanifesta fih, u minghajr possibbilita` ta’ xi interpretazzjoni diversa, il-volonta inekwivokabbli ta’ l-interruzzjoni jew tar-rinunzja. Ara “**Fibermar Company Limited -vs- Christian Camilleri**”, Appell Inferjuri, 12 ta’ Gunju, 2009 u “**Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri**”, Appell Superjuri, 28 ta’ Mejju 2010;

4. Apparti l-kaz ta’ l-interruzzjoni b’att gudizzjarju skond il-previzjoni tal-ligi fl-Artikoli 2128 u 2130 tal-Kodici Civili, l-interruzzjoni tista’ tirrizulta minn qaghdiet ohra bhal ma huma r-rikonoxximent tad-debitu (Artikolu 2113) jew il-hlas akkont (Artikolu 2134). Ara ghall-aktar dettal is-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta in re: “**Martin Mizzi -vs- Joseph Camilleri**”, 20 ta’ Ottubru, 2004, abbraccjata mill-Qorti ta’ l-Appell Superjuri fil-kawza fl-ismijiet “**Carmelo Abdilla *et* -vs- Frances Gloria Crockford *et***”, 26 ta’ Gunju, 2009;

Premessi dawn il-principji, jirrizulta ghal dawk li huma l-fatti l-aktar saljenti tal-kaz illi:-

1. Skond skrittura datata 24 ta' April 1998 (fol. 7) il-Banka attrici allokat facilitajiet kreditizji lill-konvenut permezz ta' zewg avvanzi (Lm1715 u Lm1400). Ta' l-ewwel kellu jithallas lura zmien sentejn u l-iehor zmien sentejn u nofs, it-tnejn "*from draw down*";

2. Jinghad illi fit-13 ta' Gunju, 2000 wara li gie servut b'ittra ufficcjali l-konvenut u l-Bank lahqu ftehim illi l-bilanc li kien ghadu dovut jithallas bir-rata ta' erbghin lira (Lm40) kull hmistax (ara Afidavit ta' Christopher Abela Medici, fol. 36);

3. Jinghad ukoll, dejjem minn dan l-istess xhud, illi fit-13 ta' Marzu, 2003 l-konvenut irrikorra l-Bank fejn talab rezokont tal-bilanc *outstanding* u stqarr ukoll li kien sejjer ikellem lil bintu sabiex jipperswadiha thallaslu dak il-bilanc. Ix-xhud Jane Mifsud prodotta mill-Bank tikkonferma dan in bazi ghar-records tal-Bank (ara Affidavit taghha a fol. 48). Irid jinghad illi kif iddikjarat mix-xhud Abela Medici in kontro-ezami (fol. 62) id-data tat-13 ta' Marzu 2003 kienet l-ahhar kuntatt li kellu mal-konvenut;

4. Skond il-konvenut ghalih il-kont kien saldat ghaliex hu la qatt mar il-Bank biex ikellimhom u f'kull kaz kienet id-defunta martu li kienet tiehu hsieb l-i*statements* li kien jircievi mill-Bank. Ara Affidavit tieghu a fol. 34 u x-xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 65;

5. Irid jizdied illi l-konvenut baqa' ma giex notifikat regolarment biz-zewg ittra ufficcjali emessi mill-Bank fis-16 ta' April, 2008 (fol. 52) u 20 ta' Mejju, 2008 (fol. 11). L-azzjoni *de qua* giet intavolata fis-6 ta' Novembru, 2008;

Fuq l-istregwa ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti rragonat illi (i) ix-xhieda tas-socjeta` attrici kienet aktar preciza minn dik tal-konvenut, (ii) li "fuq il-bazi tal-probabilita` (aktarx iva

milli le)” il-perijodu preskrittiv ma kienx ghadu ddekorra meta giet istitwita l-procedura u (iii) l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni opposta ghandha tigi applikata, f’kaz bhal dak in ezami, favur il-kreditur in vista li trattasi ta’ telfien ta’ dritt ta’ kreditu f’kaz li tigi akkolta;

B’kull rispett dovut din il-Qorti ma tikkondividix dan ir-ragonament u dan ghar-riljevi li gejjin:-

1. Ibda biex, it-test li trid il-ligi (Artikolu 2137, Kodici Civili) ghall-proponiment ta’ l-azzjoni kellu jkun dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt ta’ l-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna ta’ l-attur, u cjoe jekk dan kienx jew le f’kondizzjoni li jagixxi, tkun xi tkun ir-raguni. Ara “**Raphael Micallef -vs- Anthony Agius**”, Appell, 6 ta’ Ottubru, 2000 u “**Carmela Dalli -vs- Monomark Developments Ltd**”, Appell Inferjuri, 13 ta’ Marzu, 2009;

2. Iz-zmien ghall-inkomincjament ta’ l-azzjoni hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali. Ara “**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 9 ta’ Jannar, 1953. Fil-kaz in ezami, jekk wiehed kellu jikkonsidra r-rapport negozjali bhala “*loan*” dak iz-zmien kellu jibda mhux mid-data ta’ l-iskrittura imma mid-data li fiha kellha ssir ir-restituzzjoni. Ara “**Catherine Busuttil *et* -vs- Catherine Formosa**”, Appell Kummercjali, 12 ta’ Marzu, 1973. Fil-fattispeci r-restituzzjoni kelha ssir dekors is-sentejn jew is-sentejn u nofs ghal liema tirreferi l-iskrittura ta’ l-24 ta’ April, 1998. Li jfisser li t-terminu preskrittiv kellu jibda jghaddi mis-sena 2000;

3. Ankorke fil-pendenza ta’ dak l-istess dekors ta’ zmien li kien ghadu mhux kompjut kien hemm da parti tal-konvenut appellant ir-rikonjizzjoni tad-debitu (13 ta’ Marzu, 2003) u, konsegwentement, il-bidu mill-gdid tat-trapass taz-zmien preskrittiv kwinkwennali kif hekk prevvist mill-Artikolu 2136 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur ta’ l-Artikolu 2156 u skond l-incizi propunjati mill-konvenut kellha t-tmiem taghha mhux aktar

tard mill-14 ta’ Marzu, 2008. Ma jirrizultax li z-zmien li kien hekk miexi gie interrott b’xi att gudizzjarju jew xort’ ohra bl-ezistenza ta’ xi rikonoxximent agguntiv da parte tal-konvenut. Li jfisser allura illi dekors dak it-terminu, u, ukoll in bazi ghall-indagini tal-fatti u tal-provi, l-unika deduzzjoni ragonevoli kellha tkun dik illi, b’riferiment ghall-kreditu pretiz, l-azzjoni kienet inekwivokabilment estinta. F’din l-ekwazzjoni t-teorija tal-probabilita` ghal liema rreferiet l-ewwel Qorti ma tilghab ebda parti u, certament, lanqas ma tinfluwixxi ruhha fuq id-dekorrenza tal-preskrizzjoni, gjaladarba wkoll minn imkien ma giet provata mill-Banka attrici l-ezistenza ta’ xi impediment legali. Barra minn dan, f’din l-istess ekwazjoni ma ticcentra bl-ebda mod it-teoretika tal-“*call in*” ghal-liema tappilja ruhha l-Banka appellata una volta l-fattur dekors ta’ zmien kien, skond l-istess stipulazzjoni bl-iskrittura ta’ l-24 ta’ April, 1998, allaccjat “*from draw down*”.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tilqa’ l-appell, thassar is-sentenza appellata u tiddikjara illi l-azzjoni tal-Banka attrici hi preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-istess Banka attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------